

DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/892**tat-28 ta' April 2023****li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
- (2) Wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-426/21, jenħtieġ li titħassar entrata waħda mil-lista ta' persuni fiżiċi u għuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
- (3) Għalhekk id-Deċiżjoni 2013/255/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2023.

*Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL*

(¹) ĠUL 147, 1.6.2013, p. 14.

ANNESS

L-entrata li ġejja titħassar mil-lista li tinsab fit-Taqsima A ("Persuni") tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK:

"36. Nizar AL-ASSAD".
